MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 445/2014

**Mobisle Communications Limited C24655**

**vs.**

**Carmel Debono K.I. 285048(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2014, illi permezz tiegħu s-soċjeta′ attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' elf erba' mija u tlieta u disgħin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€1493.17), liema ammont huwa in konnessjoni servizz ta' telefonija ċellulari *A/C 50817853* mogħtija mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenut. Illi din is-somma tinkludi l-ammonti dovuti bħala penali għat-terminazzjoni antiċipata tal-kuntratt.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' ta' elf erba' mija u tlieta u disgħin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€1493.17), bl-imgħax legali dekorribbli mill-21 ta' Diċembru 2010, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, innumerata 4929/10, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

## **< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------